# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April,2001 .

### Citazzjoni numru : 136/94G1(PC)

**John Azzopardi .**

**vs**

**Martin Camilleri .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:**

**Illi fit-28ta' Lulju, 1994 ghal habta tas-7.15 a.m. l-attur, John Azzopardi kien qieghed isuq l-van, proprjeta' tal-atturi tat-tip "Isuzu" (numru ta' registrazzjoni : L 8136) u kien tiela t-telgha ta' Selmun lejn id-direzzjoni tal-Mellieha bi speed moderat u fuq in-naha tieghu tal-karreggjata ;**

**Illi l-konvenut kien qieghed isuq truck tat-tip "Bedford" (numru ta' registrazzjoni : V 7487) f'Selmun Road u niezel lejn ix-Xemxija u f'xhin wasal fil-bedn tal-istess nizla, huwa gibed ghal fuq in-naha tal-kareggjata tal-attur bir-rizultat illi l-attur gie investit bin-naha ta' wara tal-istess truck u b'hekk gara l-incident awtomobilistiku inkwistjoni ;**

**Illi ghalhekk l-istess incident awtomobilistiku gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut li huwa ghalhekk unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni ;**

**Illi minhabba l-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, l-attur sofra danni ingenti fil-vettura tieghu, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

**1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ;**

**2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema danni huma sewwa materjali u f'dawk konsistenti f'kiri ta' karozza ghax-xoghol tieghu, u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat ghall-istess fini ;**

**3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnax (12) ta' Awissu 1994 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:**

**1) It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-attur .**

**Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat il-verbali tax-xhieda prodotti .**

**Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .**
**Rat ukoll in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet bejn van misjuq mill-attur u truck kbir misjuq mill-konvenut f'wahda mid-dawriet fit-telgha tas-Selmun, Malta . L-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-konvenut ghal din il-kollizzjoni u l-konsegwenti kundanna tieghu ghall-hlas tad-danni li jridu jigu likwidati minn din il-Qorti .**

**Fl-okkorrenza redatta in segwitu ghal din il-kollizjoni (Dok. S.G.), P.S. 468 Simon Gauci jispjega illi: "Minn stharrig li sar fuq il-post tal-accident maz-zewg xufiera, rrizulta illi waqt li Truck no. V 7487 kien niezel matul Selmun Road, Il-Migduma l/o Mellieha, kif wasal fl-ewwel liwja taz-zig-zag dan habat ma' van no. L 8136 li kien tiela matul l-istess triq mid-direzzjoni opposta" .**

**Filwaqt illi l-attur isostni illi huwa ntlaqat fuq in-naha tal-gemb tal-lemin ta' quddiem tal-van tieghu bil-'mudguard tar-roti ta' wara tan-naha tal-lemin tat-truck, waqt li t-truck gibed ghan-nofs tat-triq huwa hu jimmanuvra l-liwja, l-konvenut jikkontendi illi kien l-attur innifsu li kien qed isuq ghan-nofs u baqa' diehel gor-roti ta' wara tat-truck tieghu .**

**Xhieda okulari ta' dan l-incident, apparti naturalment il-kontendenti, kien hemm biss Joseph Formosa, passiggier fil-van ta' l-attur . Dan spjega l-incident mertu ta' din il-kawza bil-mod segwenti :**

**"Konna wasalna l-Mellieha fl-ahhar telgha fuq nett u cioe' qabel ma tasal fejn hemm traffic island . L-attur kien tiela' t-telgha nikkalkula bil-velocita' ta' madwar ghoxrin mil-fis-siegha . Il-karozza taghna kienet qisha mbieghda madwar tlett piedi mill-hajt tan-naha taghna . F'daqqa wahda naraw trakk gej minn naha tal-Mellieha, kellu trailer miftuh u kien mghobbi. Dan it-trakk gie fil-kantuniera biex idawwar, laqat fejn konna rekbin ahna minn naha tal-bumper, u cioe' fuq in-naha tad-driver u bil-bumper ta' wara tat-trakk qabad il-korozza li konna rekbin fiha u carrat il-karozza minn naha tad-driver."**

**Il-konvenut sostna ripetutament illi huwa kien qed isuq ghall-gemb tat-triq u fl-ebda hin ma hareg ghan-nofs, tant li biex jipprova kemm kien qrib il-hajt tan-naha tieghu, anke pproduca xhieda li nsertaw kienu jsuqu fl-istess triq in segwitu ghal din il-kollizzjoni . Dawn spjegaw kif huma ghaddew wara xulxin 'wrong side' u cioe' minn bejn il-vettura ta' l-attur u l-hajt tan-naha tieghu, sabiex jibqghu nezlin lejn San Pawl il-Bahar . Imma l-iskizz redatt mis-surgent Gauci fuq il-post tal-habta, jindika mod iehor . Gie stabilit mid-depozizzjoni ta' l-istess surgent Gauci wara li gie riprodott biex jixhed, peress illi rrizultat diskrepanza bejn li skizz Dok. JA. 1 li kien esebixxa fl-ewwel depozizzjoni tieghu u l-kopja li nghatat lill-attur sussegwentement, illi li skizz Dok. JA 3 esebit a fol. 120 huwa kopja fidila (infatti carbon copy) ta' l-original redatt minnu stess fuq il-post ta' l-incident, u li gie mahdum fuq skala ta' 0.5 cm. = 1 metre .**

**Kif tajjeb jispjega l-attur fin-nota ta' l-osservazjonijiet tieghu, x'hin wiehed jigbed il-qisien minn fuq dan li skizz, jirrizulta ampjament illi t-truck tal-konvenut kellu parti sewwa, anzi kwazi nofs il-wisgha tat-**

**truck tieghu fuq in-naha l-ohra tat-triq x'hin saret il-habta . Hekk ukoll id-distanza bejn il-gemb tat-truck u l-hajt tan-naha tieghu kienet ta' circa tliet metri . Wiehed jifhem illi truck tal-kobor u tul bhal dak tal-konvenut (infatti l-istess konvenut jghid li kien twil madwar 30 pied), kellu ta' bil-fors jigbed xi ftit 'l barra biex immanuvra l-liwja ta' kwazi disghin (90) grad li kien hemm f'dik il-parti tat-triq, imma dan kien jesigi ferm aktar attenzjoni da parti tas-sewwieq ghat-traffiku li jkun gej minn wara l-liwja . Zgur pero' illi l-konvenut qatt ma seta' kien gustifikat johrog daqstant 'l barra sabiex ikollu kwazi nofs il-wisgha tat-truck fuq il-karreggjata opposta . Ma seta' kellu ebda tort l-attur li, minkejja li zamm fuq il-linja tieghu, hekk kif dar il-liwja jsib it-truck go wiccu .**

**Sinjifikanti wkoll dak li xehed Emanuel Camilleri il-'panel beater' li sewwa l-vettura ta' l-attur li, fuq domanda tal-legali ta' l-attur, ikkonferma illi d-daqqa kienet sbrixx, imma l-izjed quddiem u fil-bieba, l-pilastru, ix-chassis u l-kaxxa ta' li steering . Dan kollu jindika illi kien it-truck li laqat il-karozza u mhux vice-versa . Kieku, kif qed isostni l-konvenut, l-attur baqa' diehel go r-roti ta' wara tat-truck, il-hsara kienet tkun ikkoncentrata biss fuq il-kantuniera tal-lemin tal-van u mhux fuq il-gemb taha ukoll .**

**Irrizulta ampjament ghalhekk illi ghal din il-habta jahti unikament il-konvenut, illi kkawza l-habta meta invada l-karregjatata' l-attur waqt illi qed idur mal-liwja fit-triq u bil-'mudguard' tar-roti tal-lemin ta' wara, hakem il-van ta' l-attur u gibdilha l-kantiniera tal-lemin ta' quddiem u gemb ta' l-istess naha taghha, b'tali mod li kkaguna hsarat konsiderevoli fiha .**

**L-attur esebixxa diversi kontijiet in konnessjoni mat-tiswijiet li kellu jaghmel fil-van tieghu in segwitu ghal din il-kollizzjoni . Kif gia nghad, dawn saru mill-'panel beater' Emanuel Camilleri, li wkoll gie prodott biex jaghti d-depozizzjoni tieghu f'din il-kawza . Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tal-kontijiet esebiti bhala Dokti. JA 1, JA 2, JA 3, JA 4, JA 5, JA 6 u JA 7 permezz tan-nota ta' l-attur tal-24 ta' Mejju 1996, li l-parts mixtrija gew utilizzati fil-vettura ta' l-attur u x-xoghol indikat sar fuq l-istess vettura . Ghalkemm il-konvenut ittenta jixhed dubbju fuq il-veracita' ta' dawn il-kontijiet, billi jirrigwardaw ammonti sostanzjali, wiehed irid japprezza illi din il-hsara giet ikkagunata minn vettura goffa u kbira . Il-kont totali fis-somma ta' elfejn mitejn disa' u sittin lira maltija u hamsa u erbghin centezmu (LM2269.45) jirrizulta ghalhekk gustifikat u m'hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jigi accettat bhala genwin . Ghalkemm fic-citazzjoni l-attur isemmi wkoll li kellu jikri karozza ghax-xoghol tieghu sakemm saru t-tiswijiet mehtiega, ma giebx provi f' dan ir-**

**rigward u ghalehkk m'hu qed jigi likwidat ebda ammont ghal dan il-fini .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :**

1. **tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku indikat fic-citazzjoni ;**

2. **tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan l-incident fis-somma ta' elfejn mitejn disa' u sittin lira maltija u hamsa u erbghin centezmu (LM2269.45); u**

3. **tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata .**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .**

**Magistrat .**

**Deputat Registratur .**

S13694Pc
1481